MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

11 ta’ April 2023

**AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MILL-AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL- KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÁ TA’ MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR**

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qiegħda toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li bih qiegħda tidentifika u tgħarraf lill-pubbliku li l-kummercjant segwenti:

# Jason Zammit ID No 10174(G)

ma onorax żewġ deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal- Konsumaturi.

Fl-ewwel każ, is-Sur Zammit ġie ordnat jirrifondi lill-konsumatur rikorrenti s-somma ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) li tirrappreżenta l-prezz ta' karozza mibjugħa lilu mill- istess rikorrent, liema somma qatt ma tħallset mill-intimat is-Sur Zammit.
Fit-tieni każ, is-Sur Zammit ġie ordnat iħallas lir-rikorrent konsumatur is-somma ta’ seba’ mija u ħamsin ewro (€750) rappreżentanti depożitu li ħallas għal karozza. Il-vettura kellha bżonn xi tiswijiet u baqgħet fil-pussess tas-Sur Zammit, iżda qatt ma ġiet ritornata lill-konsumatur.
Fiż-żewġ deċiżjonijiet, il-kummerċjant intimat ġie ordnat iħallas ukoll l-ispejjeż tat-Tribunal.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)